MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Mandat Numru. 1347/2011/1

**Ballut Blocks Services Limited (C8360) u Bonnici Bros Limited (C3905)**

**-vs-**

**Smart City (Malta) Limited (C41194) u Smart City (Malta) Infrastructure Limited (C43049)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjetajiet rikorrenti preżentat fid-29 ta' Settembru 2011;

Rat id-digriet tagħha tal-istess jum fejn laqgħet proviżorjament it-talba tagħhom u ordnat li r-rikors jiġi notifikat bid-dritt ta' risposta;

Rat ir-risposta tas-soċjetajiet intimati;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet fis-seduti tat-12 u l-14 ta' Ottubru 2011;

Ikkunsidrat;

Illi f'dawn l-atti is-soċjetajiet rikorrenti qed jitolbu l-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni biex is-soċjeta' intimata tiġi ordnata ma ssarrafx jew tesegwixxi kwalsiasi garanzija bankarja maħruġa minnhom in konnessjoni mal-kuntratt ta' xogħlijiet (appalt) datat 5 ta' Lulju 2009.

Illi mid-dokumenti esebiti u mill-atti tal-kawża in ġenerali jidher li l-kwistjoni bejn il-partijiet qamet wara li r-rikorrenti irreġistraw privileġġ speċjali kontra s-soċjeta' intimata għaliex qed isostnu li ma sarux xi ħlasijiet in konnesjoni mal-appalt. Da parti tagħha s-soċjeta' intimata allegat li r-rikorrenti kienu moruži skond il-kuntratt u allura nformathom li kienet se tipprevalixxi ruħha minn parti mill-kuntratt fejn hija tista' ssarraf il-garanziji in kwistjoni.

Illi r-rikorrenti qed isostnu illi dan qed isir bi tpattija għall-iskrizzjoni tal-privileġġ u li f'kull każ l-intimati ma jistgħux skond l-istess kuntratt isarrfu l-garanzija. Qed jallegaw illi l-opinjonijiet tal-*engineer* inkarigat mill-istess soċjeta' intimata ma jistgħux jiġu kkonsidrati bħala *'determination'* skond l-istess kuntratt. Infatti s-soċjeta' konveuta qed tiċċita l-Artikolu 4.2 tal-kuntratt fir-risposta tagħha u dan jgħid illi hija ma tistax tagħmel *'claim'* taħt il-garanzija in kwistjoni (*Performance Security*) f'każ ta' *'failure by the contractor to pay the employer an amount due, as either agreed by the contractor or determined under sub-Clause 2.5 or clause 20, within 42 days after this agreement or determination'*.

*Il-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jippreskrivi kategorikament illi l-Qorti m'għandhiex toħroġ dan il-Mandat t'Inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dan il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u li dan ir-rikorrent 'prima facie' jidher li għandu dawn id-drittijiet. Dan it-tieni rekwisiti ... huwa rekwisit oġġettiv u mhux soġġettiv u ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddjiet jidhru ma' l-*

*ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-Mandat.* (**"Sonia Grech vs Stephanie Manfre"** – Qorti tal-Appell, 14 ta' Lulju 1988).

Illi l-Qorti jidhrilha illi jekk tilqa' t-talba tar-rikorrenti, tkun qegħda tidħol u tinterpreta kwistjonijiet fil-vertenza kontrattwali li jidher ġia' ġiet sottomessa għall-arbitraġġ mill-istess rikorrenti. Fi kliem ieħor, jekk il-Qorti twaqqaf lis-soċjeta' intimata milli teżerċita d-drittjiet naxxenti mill-istess kuntratt, tkun qegħda timmodifika l-kuntratt bejn il-partijiet u tinfranġi l-prinċipju *'pacta sunt servanda'*. Jekk is-soċjeta' konvenuta tabbuża mid-drittijet tagħha, naturalment tkun trid tpatti għal dan eventwalment. Għalhekk jekk il-bank li qed jiggarantixxi l-ħlas għar-rikorrenti, jħoss li skond it-termini tal-garanzija għandu jħallas, il-Qorti f'dan l-istadju ma tħossx li għandha tintervjenti. Kif huwa magħruf, f'dan l-istadju l-Qorti trid tara jekk hemmx dritt *'prima facie'* li r-rikorrenti għandu; f'dan il-każ biex il-Qorti tinvestiga dan trid tidħol fi kwistjoni kumplessa għall-ahhar li normalment iridu tant investigazzjoni minuzzjoża li biex tagħmilha jkollha bżonn mhux biss ħafna aktar żmien iżda anke l-għajnuna ta' esperti. Għalhekk il-Qorti żgur ma tistax f'dan l-istadju tgħid li d-dritt tar-rikorrenti jirriżulta mad-daqqa t'għajn.

Illi fl-istess ħin ukoll il-Qorti tħoss li anke jekk bit-tisrif tal-garanzija r-rikorrenti, dejjem jekk għandhom raġun f'kollox, ikunu kredituri ta' somma inġenti, dan ma jfissirx li allura d-drittijiet tagħhom isofru ħsara rrimedjabbli għaliex dejjem jibqagħlhom id-dritt li jitħallsu din is-somma, u ma nġabux provi fis-sens li s-soċjeta' intimata m'għandhiex proprjeta' biex tagħmel tajjeb għal dan il-ħlas.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tirrevoka d-digriet tagħha tad-29 ta' Settembru 2011 u tiċħad it-talbiet tas-soċjetajiet rikorrenti.**

**L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------